**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 38/2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Brandon Luke Meilaq**

Illum, 29 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Brandon Luke Meilaq, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 530286(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

(1) Talli fl-14 ta' Jannar 2022 għal ħabta ta' bejn 16:45hrs u 17:00hrs ta' filgħaxija, ġewwa Triq San Lawrenz, Ħaz Zabbar, ikkommetta serq ta' flus kontanti minn fuq il-persuna ta' Grace Attard, li hija persuna anzjana ta' erbgħa u sebgħin sena, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza u bil-mezz għad-dannu ta' l-istess Grace Attard u/jew persuni oħra;
(2) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Grace Attard, li hija persuna anzjana ta' erbgħa u sebgħin sena, liema ħsara hija ta' natura ħafifa hekk kif iċċertifikat minn Dr Maria Zammit, detentriċi tan-numru tar-reġistru mediku 3838 taċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid;
(3) Talli fil-11 ta' Jannar 2021 għal ħabta ta' bejn 11:45hrs u 12:00hrs, ġewwa Misraħ tal-Madonna Medjatriċi, Ħaz-Zabbar, ikkommetta serq ta' flus kontanti mill-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni KBO-635 ta' l-għamla Hyundai, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa

misruqa, għad-dannu ta' l-istess Dolores Mallia, li hija persuna anzjana ta' tmienja u sebgħin sena u/jew persuni oħra;

(4) U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, irrenda ruħu reċediv ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbiddlu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-10 ta' Mejju 2022, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli 257D(1)(c), 261(1)(a)(b)(g), 262(1)(a)(2), 263(b), 271(g), 274(c), 276, 276A, 277(b), 279(a), 280(2), 214, 215, 221(1) u 49 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lil Brandon Luke Meilaq, fuq ammissjoni tiegħu stess, ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u kkundanatu għal piena ta' priġunerija ta' ħames snin li minnhom għandhom jitnaqqsu dawk ġia skontati taħt arrest preventiv. *In oltre*, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat lill-imputat iħallas lil Grace Attard is-somma ta' ħamsa u għoxrin Ewro u lil Dolores Mallia is-somma ta' mitejn u seba' Ewro, rapprezentanti kumpens tal-ħsara kkaġunata lilhom fi zmien sena wara li l-ħati jkun skonta s-sentenza ta' priġunerija effettiva.

Rat ir-rikors tal-appellant, ippreżentat fil-25 ta' Mejju 2022, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tħassar u tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu sabet l-appellant ħati tal-imputazzjonijiet kollha, u tvarja s-sentenza appellata billi tvarja l-piena nflitta, għal waħda aktar ekwa, ġusta u miti, sabiex tkun tirrispekja il-fatti tal-kaz.

Rat l-aggravji imressqa mill-appellant.

Rat li nhar is-16 ta' Novembru 2022, l-appellant talab sabiex dina l-Qorti tikkonverti ruħha f'Qorti dwar id-Droga, ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, liema talba ġiet miċħuda stante l-appellant jinsab mixli b'reat ta' natura volontarja u għalhekk tezisti l-esklużjoni maħsuba fl-Artikolu 8(1)(b) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li nhar is-27 ta' Jannar 2023, l-appellant għadda zewġ ċekkijiet bil-ħlas dovut – wieħed lil Grace Attard fl-ammont ta' €25.00 u ieħor lil Dolores Mallia, fl-ammont ta' €207.00.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-uniku aggravju ventilat mill-appellant jikkonċerna l-piena erogata mill-Ewwel Qorti, u ċioe dik tal-priġunerija għal żmien ħames snin, u dan għalkemm fit-talba kontenuta fir-rikors tal-appell, l-appellant b'mod kontradittorju qiegħed jitlob kemm it-tħassir kif ukoll il-konferma tas-sentenza appellata. Madanakollu mid-diċitura adoperata u mill-aggravji sollevati huwa evidenti illi l-appellant qiegħed jilmenta unikament mill-piena erogata mill-Ewwel Qorti u għalhekk, billi llum ma għadhiex tirriżulta n-nullita' meta t-talbiet ikunu mfissra kif rifless fir-rikors tal-appell odjern, il-Qorti ser tqies it-talba tiegħu għal reviżjoni unikament fir-rigward tal-piena inflitta fuqu fis-sentenza appellata. Illi l-appellant fl-aggravju minnu ntentat jilmenta li din il-piena mposta fuqu hija waħda eċċessiva u dana meta wieħed jikkonsidra l-kooperazzjoni sħiħa tiegħu mal-pulizija tul il-kors tal-investigazzjonijiet kif ukoll l-ammissjoni bikrija li huwa rreġistra quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi, ġie stabbilit b'mod kopjuz fil-ġurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*"[1] . Dan iktar u iktar meta f'dan il-każ jidher illi l-ilmenti sollevati mill-appellant quddiem din il-Qorti kollha ġew meħuda in konsiderazzjoni mill-Ewwel Qorti, u ċioe' l-ammissjoni bikrija tiegħu, u l-fatt illi kkopera mal-pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet kif jirriżulta mill-istqarrija rilaxxata minnu lill-investigaturi.

[1] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiża nhar il-25 ta' Awissu 2005.

Illi, minn eżami akkurat tal-Atti Proċesswali, jirriżulta li l-appellant kien mixli li kkometta r-reat ta' serq f'żewġ okkazzjonijiet fuq persuni anzjani, b'waħda minnhom issofri xi grieħi fil-kors tal-esekuzzjoni tar-reat, kif ukoll bl-addebitu tar-reċediva, liema akkużi huwa ammetta għalihom b'mod inkondizzjonat quddiem l-Ewwel Qorti fis-seduta ta' nhar il-21 ta' Jannar 2022.

Illi l-Ewwel Qorti wasslet sabiex, fid-diskrezzjoni fdata lilha bil-Liġi, tinfliġġi fuq l-appellant il-piena ta' ħames snin priġunerija wara konsiderazzjonijiet studjati u mirquma li din il-Qorti qajla tista' ssib x'tiċċensura fl-istess. Illi bħall-Ewwel Qorti qabilha din il-Qorti ma tistax tinjora ir-rakkomandazzjoni magħmula mill-Uffiċjal tal-*Probation* fil-*Pre-Sentencing Report* ippreżentat in atti fejn jingħad hekk:–

> **Ir-reat li bih qiegħed jiġi akkuzat u li għalih ammetta l-imsemmi huwa wieħed serju, partikolarment meta wieħed jikkonsidra li l-vittmi huma anzjani vulnerabbli. Permezz ta' dan ir-rapport, ġie zvelat li fil-prezent, l-imsemmi mhuwiex qiegħed jgħix ħajja stabbli u r-riskju li jerġa' jirrikorri għall-kriminalita', partikolarment minħabba li l-abbuz tad-droga għadu ma ġiex rizolt, huwa wieħed għoli. Fid-dawl tal-akkuzi u l-informazzjoni miġbura għall-fini ta' dan ir-rapport, l-Uffiċjal tal-Probation qed tirrakomanda piena karċerarja, bil-għan li matulha l-imsemmi jkun jista' japplika u jsegwi program residenzjali ta' riabilitazzjoni mid-droga.**

Illi, l-appellant huwa mixli kif ingħad bir-reat tas-serq akkompanjat bl-aggravji tal-vjolenza, tal-mezz u tax-xorta tal-ħaga misruqa, oltre għal fatt illi jirriżulta ukoll l-aggravanti maħsub fl-artikolu 276A tal-Kodiċi Kriminali, sabiex il-piena trid terġa' tiżdied minn grad sa żewġ gradi. Issa l-artikolu 274(c) tal-Kodiċi Kriminali jistabilixxi il-piena ta' priġunerija għal żmien bejn sentejn u ħames snin u dan meta s-serq ikun akkompanjat bl-offiża ħafifa fuq il-persuna. Din il-piena kif ingħad trid tiżdied bejn grad sa tnejn u dan għaliex ir-reat kien komess fuq persuni anzjani li għandhom 'il fuq minn sittin sena. Mhux biss, iżda il-Qorti trid iżżid awment ieħor fit-termini tal-artikolu 277(b) tal-Kodiċi Kriminali ġaldarba is-serq aggravat bil-vjolenza kien akkompanjat b'aggravanti oħra fosthom dik tal-mezz. Dan ifisser illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija waħda fil-parametri tal-Liġi, anzi tqarreb ħafna lejn il-minimu tenut kont illi l-appellant instab ħati tar-reat ta' serq f'żewġ

okkazzjonijiet separati, u fuq kollox tirrispekja s-serjeta' tar-reati kommessi, li saru għad-detriment ta' persuni anzjani u vulnerabbli.

Illi għalkemm il-Qorti tirrikonoxxi illi fil-mori ta' dawn il-proċeduri l-appellant ikkompensa lill-vittmi għal ħsara minnhom subita, madanakollu, dan il-fattur waħdu ma jistax jimmilita favur mitigazzjoni fil-piena. Dan għaliex kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti, l-appellant ingħata diversi opportunitajiet minn dawn il-qrati sabiex jirriforma ħajjtu, iżda jidher li dan ma ħalliex il-frott mixtieq, bl-appellant illum għadu jabbuża mid-droga, huwa diżokkupat u igħix bl-għajnuna soċjali u bl-għajnuna li tagħtih ommu li jidher li lanqas ma iservuh biex jissostanzja il-vizzju, liema vizzju iwasslu għalhekk għat-triq tal-kriminalita'. Tenut kont għalhekk taċ-ċirkostanzi tal-kaz, kif ukoll tenut kont li l-ħlas tal-ħsara magħmulha mill-appellant kienet propju tifforma parti mill-piena mposta fuqu, dina l-Qorti ma tqisx li dan il-fatt għandu jimmilita favur mitigazzjoni fil-piena.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell parzjalment, tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata, tikkonfermaha fejn l-appellant kien misjub ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u fejn kien ikkundannat għal perijodu ta' ħames snin priġunerija, iżda tirrevokaha fejn huwa kien ordnat iħallas lill-vittmi Grace Attard is-somma ta' ħamsa u għoxrin Ewro u lil Dolores Mallia is-somma ta' mitejn u seba' Ewro, rapprezentanti kumpens tal-ħsara kkaġunata lilhom, billi dawn tħallsu fil-mori ta' dan l-appell.**

**Il-Qorti tagħmel rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Aġenzija Korrettiva ta' Kordin sabiex l-appellant jingħata l-għajnuna kollha meħtieġa biex jegħleb il-vizzju tad-droga tul il-perijodu ta' inkarċerazzjoni.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**

**Notifika: Direttur Aġenzija Korrettiva ta' Kordin**